# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, it-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 2024**

**Avviż numru: 12/2022 BS**

**Road Construction Company Limited**

**-vs-**

**Idea Plan Limited**

**Il-Qorti;**

**Rat l-avviż** tas-soċjeta' Road Construction Company Limited fejn talbet lis-soċjeta' konvenuta Idea Plan Limited tgħid il-ghaliex m'għandiex tkun ikkundannata li;

Premess illi l-attriċi ġiet inkarigat mill-intimata sabiex tikkonsejalha materjal u tipprestalha servizzi in konnessjoni mal-eżekuzzjoni ta' xoghlijiet li l-intimata kienet qegħda twettaq fuq il-HealthCentre, Rabat, Għawdex u ghal dawn ix-xogħol u materjal għandha titħallas is-somma ta' €7,402.51 (sebat elef erba' mija u żewġ euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu);

Għid għalhekk inti konvenuta għaliex ma għandhiex din il-Qorti tikkundannak tħallas lill-attriċi din is-somma flimkien mal-imgħaxijiet relattivi b'effett mill-l ta' April 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali Nru. 2558/2022 tat-28 ta' Ottubru 2022 kontra tiegħek, u bl-ingunzjoni għas-subizzjoni, li għaliha minn issa inti msejjħa.

**Rat ir-risposta tas-soċjeta' konvenuta Idea Plan Limited li permezz tagħha eċċepiet:**

1. Illi s-soċjeta' konvenuta tirrispingi l-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont reklamant mis-soċjeta' attriċi Road Construction Company Limited ma huwiex dak dovut.
2. Illi s-soċjeta' konvenuta tirrileva li hija qatt ma talbet ċerti servizzi li għalhom qiegħed jiġi pretiż u jintalab il-ħlas u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża.
3. Salv risposti u eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-avviż tas-Soċjeta attriċi.[1]

Rat ir-risposta tas-soċjeta konvenuta.[2]

Rat il-verbali tat-28 ta' April, 2023[3], tas-7 ta Frar, 2024[4] u tat-8 ta' Marzu, 2024[5] fejn il-partijiet talbu differiment sabiex jesploraw il-possibilita ta' tranżazzjoni.[6]

Fliet ix-xhieda mogħtija u d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta attriċi.[7]

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-soċjeta konvenuta Idea Plan Ltd.[8]

[1] A fol 1 tal-proċess
[2] A fol 8 tal-proċess
[3] A fol 10 tal-proċess
[4] A fol 60 tall-proċess
[5] A fol 63 tal-proċess
[6] A fol 10 tal-proċess
[7] A fol 18 sa fol 48 tal-proċess u minn fol 51 sa fol 53 tal-proċess
[8] A fol 66 tal-proċess

Illi għalhekk in vista tal-ammissjoni tas-Soċjeta' konvenuta l-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi u dan kollu fil-kuntest ukoll tal-ammissjoni ġia msemmija.

**Decide.**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet mogħtija din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-Soċjeta' attriċi in toto u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attriċi is-somma ta' sebat elef, erba mija u żewġ ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€7402,51) flimkien ma l-imgħax b'effett mill-1 ta' April, 2022 sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Ottubru, 2022 a karigu tas-soċjeta' konvenuta.

(ft.) Dr Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco

D/Reġistratur

Vera kopja

Ghar-Reġistratur